**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 135 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Miloud Elforjani**

Illum 29 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Miloud Elforjani detentur tal-karta tal-identità numru 0135262A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Marzu 2021 u fil-granet ta' qabel f'diversi hinijiet minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kiser Ordni ta' Protezzjoni moghtija lilu mill-Mgt. Dott. Rachel Montebello LL.D. nhar it-3 ta' Dicembru 2020, liema Ordni ta' Protezzjoni giet mahruga a favur Stefania Sankoh u l-hames uliedha Keanna Sankoh, Akisha Sankoh, Tayzel Sankoh, Amara Sylla u Mariette Sylla u dan bi ksur tal-Artikolu 412C (11) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lil Miloud Elforjani hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu multa ta' hames mitt ewro (€500).

Ghal fini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati Miloud Elforjani sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja biex jaghraf jaccetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni tieghu ma' Stefania Sankoh u kwalsiasi trattament psikologiku iehor li jehtieg fic-cirkostanzi tieghu, u dan ghal perjodu ta' sena mil-lum, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.

Ordnat li din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata fejn **tikkonferma** dik il-parti fejn sabet lill-appellat Miloud Elforjani ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, u **thassar** dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' ħames mitt Ewro (€500) u minflok tikkundannah għall-piena aktar ekwa ġusta skont il-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-esponent ħassu aggravat bid-deċiżjoni fl-ismijiet premessi mogħtija fil- ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u ghoxrin (2021) u qiegħed jinterponi dan l-umli appell mill-imsemmija deċiżjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali;
Illi l-aggravji tal-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju – L-ewwel Qorti kienet skorretta meta imponiet piena anqas mill-minimum stabbilit**

Illi fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta ordnat piena illi hija iżgħar mill-anqas piena stabbilita' fl-artikolu 412C(11) ta-Kodiċi Kriminali. Magħdud ma' dan fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-piena idoneja kellha tinkludi piena karċerarja.

Illi preliminarjament l-Avukat Ġenerali jsostni illi l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C hija mezz kif il-ġudikant jista' fil-mori tal-proċeduri kriminali kontra l-akkużat jipprovdi fost 'l oħrajn għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra. Ai termini tal-artikolu 412C(2) fejn ordni ta' protezzjoni jiġi mitlub minn xi parti fil-proċedimenti, tali talba għandha tiġi appuntata għas-smiegħ fi żmien sebat ijiem minn meta tkun saret it-talba, sabiex jiġi determinat jekk hemmx biżżejjed evidenza *prima facie* sabiex il-Qorti toħroġ l-ordni ta' protezzjoni. Ai termini tal-artikolu 412C(4) il-Qorti għandha toħroġ ordni ta' protezzjoni dejjem f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn wara li jkun ġie valutat ir-riskju tal-persuna offiża jew ta' persuna relevanti oħra, ikun jidher b'mod ċar li tali persuna tinsab fi grad għoli ta' riskju. Dan kollu juri kemm il-leġislatur ried jagħti importanza lil din l-għodda f'idejn il-ġudikant sabiex ikun jista' jipproteġi l-vittmi u lil dawk ta' madwarhom.

Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-importanza u l-effettivita tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 timmanifesta ruħha wkoll fil-piena li l-leġislatur għoġbu jistabilixxi għal dan ir-reat. Jingħad hawnhekk illi qabel l-emendi illi saru permezz tal-Att XIII tal-2018, il-pieni kienu ferm anqas u cioe' multa ta' 2,329.37 jew priġunerija sa massimu ta' sitt xhur jew it-tnejn. Pero' l-leġislatur iddeċieda illi jgħolli din il-piena permezz tal-emendi li saru bl-Att XIII tal-2018 u minn meta daħlu fis-seħħ dawn l-emendi 'l quddiem, il-piena għar-reat ta' ksur ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 hija dik ta' multa' ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed min sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Dan ai termini tal-artikolu 412C(11) tal-Kap. 9.

Fil-każ odjern il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija dik ta' ħames mitt Ewro (€500), piena illi hija bil-wisq inqas mill-minimum stabbilit fl-artikolu 412C(11) tal-Kap. 9.

L-unika deroga li l-Qorti setgħet tapplika sabiex timponi piena illi hja anqas mill-minimum stabbilit fl-artikolu 412C(11) hawn fuq imsemmi - f'dan il-każ ta' piena ta' ħames mitt Ewro (€500) - huwa dak stipulat fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali:

*"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7."*

Mhuwiex ċar mis-sentenza jekk l-ewwel Qorti applikatx dan l-artikolu tal-liġi u dan peress illi fis-sentenza la hemm referenza għal dan l-artikolu u lanqas hemm referenza speċifika għal xi raġunijiet speċjali u straordinarji li wassluha biex tagħti piena ferm iżgħar minn dik stabbilita fl-artikolu 412C(11). Pero' lil hin minn dan, l-Avukat Ġenerali jsostni illi anke jekk għalkemm mhux espressament imsemmi, il-Qorti għamlet użu minn dan l-artikolu tal-liġi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata li applikat dan l-artikolu fil-każ odjern u dan kif ser jiġi spjegat;

Illi kif jingħad fis-sentenza **"<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis u Soko Moussa Shah Ali</u>"** deċiża mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Diċembru 2020 fejn il-Qorti tgħid hekk:

> *"L-artikolu 21 tal-Kap 9 huwa car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif wkoll fis-sustanza mill-Qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Ghandu jigi interpretat bl-aktar mod strett u l-applikazzjoni tieghu fi kliem l-istess ligi jirrikjedi:*
>
> *a. ragunijiet specjali u straordinarji, u*

*b. li dawn r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom jissemmew bir-reqqa fis-sentenza.*

*Dan l-artikolu qed jitkellem fil-plural u ghalhekk dan jfisser li jrid ikun hemm ragunijiet [mhux raguni wahda] li jkunu specjali, kif wkoll li dawn ghandhom ikunu straordinarji [mhux jew straordinarja] u dawn ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza [vide* ***Il-Pulizija v Pierre Bugeja***[1] *u* ***Il-Pulizija v Simon Camilleri***[2] *. Kif riteniet din l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Kenneth Ellul***[3] *inghad li "Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma tirrikjediex sensiela interminabbli ta' ragunijiet straordinarji u specjali". Cio nonnostante irid ikun hemm ragunijiet impellanti. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Supt. P. Abela/A. Farrugia Mamo Vs Carmel Sive Charles Zammit***[4] *fejn gie rilevat fir rigward ta' meta il-Qorti ghandha tghati piena inqas mill-mimimu stabbilit mill-ligi li:- "Kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-meriti tieghu; ….. Wiehed irid iqis kollox: in-natura tar-reati u kif dawn effetwaw lill-vittma jew vittmi (jekk kien hemm…… u hafna u hafna affarijiet ohra li din ilQorti ma tarax li tista' telenkahom kollha".*

Applikati l-prinċipji hawn fuq imsemmija għall-każ odjern fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, il-motivazzjoni tal -Qorti li wasslitha li timponi multa ta' ħamest mitt Ewro (€500) ma taqax fil-parametri ta' dak li jgħid u jrid l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Kif delineat fis-suespost, l-artikolu 21 jirrikjedi illi r-raġunijiet speċjali u straordinarji li jwasslu lill-Qorti illi tagħti piena taħt il-minimum għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza u jrid ikun hemm iktar minn raġuni waħda. Fil-każ odjern, il-Qorti

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimminali fil-11 ta' Diċembru 1998
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimminali fil-5 ta' Jannar 1999
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimminali fit-12 ta' Mejju 2015
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimminali fid- 29 ta' Lulju 2002

ma għamlitx referenza espressa għall-artikolu 21 iżda fil-motivazzjoni tas-sentenza[5] il-Qorti qalet illi hija fehmet li l-imputat huwa għaddej minn żmien diffiċli psikoloġikament għaliex ma kellux opportunita′ illi jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu lis-sieħba preċedenti tiegħu u li jidher li kienet proprju l-frustrazzjoni għat-terminazzjoni tar-relazzjoni li kellu fuq medda ta′ żmien mal-vittma Stefania Sankoh li wasslitu jwettaq ir-reat.

Tenut kont tas-suespost, l-Avukat Ġenerali jissottometti illi fil-każ odjern ma kellux jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u dan għas-segwenti raġunijiet:

1. In-natura tar-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-appellat u li minħabba fihom intalbet l-ordni ta′ protezzjoni huma serjissimi. F′dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali jsostni illi hawnhekk si tratta ta′ ordni ta′ protezzjoni kontra persuna illi qiegħed jiġi akkużat b′attentat ta′ qtil u li kkaġuna ġrieħi ta′ natura gravi fost ′oħrajn. Għaldaqstant ksur ta′ ordni ta′ protezzjoni f′dan il-kuntest tieħu dimensjoni aktar serja milli kieku r-reat addebitati lill-appellant kienu anqas gravi;

2. Ir-raġuni msemmija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma għandiex tikkwalifika bħala raġuni speċjali **u** straordinarja kif jistipula l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Irid jingħad hawnhekk illi għalkemm l-appellat jista′ jkun frustrat għat-terminazzjoni tar-relazzjoni tiegħu, hu immanifesta din il-frustrazzjoni b′mod u manjiera illi wera li ma jibżax mill-awtoritajiet tal-ħabs u lanqas mill-Pulizija u wera kemm bil-kliem kif ukoll b′egħmilu li ma jimpurtahx minn dak li ġie ordnat biex jagħmel. Dan l-aġir ċertament illi ma jistax jiġi premjat u ċertament ma jikkwalifikax bħala raġuni speċjali u straordinarja għaliex għandu jibbenefika minn piena taħt il-minimum.

3. Għalkemm ordnat biex ma jikkuntattjax lill-vittma jew lil uliedha, l-appellat sfida l-awtoritajiet u xorta waħda ikkuntattja lill-vittma u barra li ried ikellem lilha ried ukoll ikellem lit-tfal tagħha. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-kuntest li fih sar dan il-kuntatt u x′intqal eżattament. Jingħad

[5] Fol. 2 u 3 tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti

hawnhekk illi l-appellat għadu jinsab detenut il-ħabs taħt arrest preventiv u allura dan kien l-unika mod kif seta' jikkuntattja l-vittma u fil-fatt mnkejja li jinsab taħt il-kontroll tal-awtoritajiet tal-ħabs huwa xorta waħda uża l-uniku mod disponibbli għalih sabiex jikkuntattja l-vittma. Dan il-fatt kellu jingħata ċertu importanza mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Magħdud ma dan, meta l-vittma qaltlu illi mhux suppost qiegħed iċemplilha hu qallilha illi ma jibżax mis-suppost, li ma jibżax mill-awtoritajiet tal-ħabs u lanqas mill-Pulizija. Dana iwassal għall-punt ieħor illi fil-fehma tal-Avukat Ġenerali kellu jittieħed in konsiderazzjoni qabel tiġi applikata piena illi hija taħt il-minimum senjatament kif dawn it-telefonati affettwaw lill-vittma. Ċertament li l-vittma - li jkollha xi ftit serħan tal-moħħ għaliex l-allegat aggressur tagħha jinsab detenut u hemm ordni ta' protezzjoni fil-konfront tagħha u ta' uliedha - ssib ruħha rinfaċċjata b'telefonati mill-istess allegat aggressur li jgħidilha illi ma jibżax u ma jimpurtahx mill-ordnijiet mogħtija lilu, affettwawha b'mod ħażin u tiġi msawwra fiha biża illi l-aggressur tagħha mhu ser jibża minn ħadd u ma hemm xejn x'tista' tagħmel;

Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali f'dan il-każ it-telefonata li għamel l-appellat m'għandiex titqies bħala sempliċiment telefonata iżda għandha titqies fil-kuntest kollu tagħha u cioe' fil-kuntest ta' akkużi serjissimi fil-konfront tal-appellat, prova javvicina l-vittma bl-unika mod disponibbli għalih, li ried ikellem mhux biss lilha iżda anke lil uliedha u li fit-telefonata qal lill-vittma illi hu ma jibzax mill-awtoritajiet u li dan ċertament kompla jnaqqas mis-serħan tal-moħħ tal-vittma;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-artikolu 21 jirrikjedi aktar minn raġuni waħda li tkun speċjali u straordinarja. F'dan il-każ il-Qorti semmiet raġuni waħda biss u għaldaqstant l-artikolu 21 ma kellux ikun applikabbli għal dan il-każ;

5. F'dan il-każ fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, mhux talli ma hemmx raġunijiet speċjali u straordianrji iżda talli piena taħt il-minimum, isservi biss biex jintilef il-veru skop għaliex ġie promulgat l-artikolu 412C tal-Kap. 9. F'dan il-każ qed naraw sitwazzjoni

serjissima illi bil-promulgazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 u l-effetti tiegħu, il-leġislatur prova jindirizza. Bil-fatt illi l-Qorti għażlet li tissostitwixxi l-piena imposta mill-leġislatur b'piena daqstant ridotta ta' ħames mitt Ewro (€500), dan iservi biss biex l-appellat jingħata x'jifhem illi dak li għamel mhuwiex daqstant serju u li l-Qorti mhijiex tqis illi dan l-aġir huwa wieħed daqstant gravi;

Illi għaldaqstant u in vista tal-premess dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ.

**It-Tieni Aggravju**

Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, anke jekk din il-Qorti tiddeċiedi illi f'dan il-każ jeżistu raġunijiet speċjali u straordinarji u li għalhekk jixraq illi l-piena għandha tkun iżgħar mill-piena stabbilita fl-artikolu 412C(11), fil-fehma tal-Avukat Ġenerali il-piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli hija baxxa wisq u mhijiex ser isservi biex tiġi salvagwardjata il-vittma Stefania Sankoh u uliedha. Magħdud ma dan, tenut kont il-fattispeci tal-każ odjern partikolarment il-fatt illi l-appellat Miloud Elforjani esprima ruħu fis-sens illi hu ma jibżax mill-awtoritajiet tal-ħabs u lanqas mill-Pulizija u wera kemm bil-kliem kif ukoll b'egħmilu li ma jimpurtahx minn dak li ġie ordnat biex jagħmel, l-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma illi l-piena imposta lanqas mhi ser isservi bħala deterrent għall-appellat biex ma jerġax jikser l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa kontra tiegħu. Għaldaqstant fil-fehma tal-Avukat Ġenerali il-piena imposta kellha tkun ferm ogħla minn dik stabbilita' mill-ewwel Onorabbli Qorti u kellha tinkludi piena karċerarja.

Illi għaldaqstant jekk l-ewwel aggravju ma jintlaqax minn din l-Onorabbli Qorti, dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell tal Avukat Generali nhar is-6 ta' Lulju, 2021.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti tal-kaz kienu is-segwenti. L-akkuzat kien deher quddiem il-Qorti akkuzat talli kiser Ordni ta' Protezzjoni moghtija lilu mill-Mgt. Dott. Rachel Montebello LL.D. nhar it-3 ta' Dicembru 2020, liema Ordni ta' Protezzjoni giet mahruga a favur Stefania Sankoh u l-hames uliedha Keanna Sankoh, Akisha Sankoh, Tayzel Sankoh, Amara Sylla u Mariette Sylla u dan bi ksur tal-Artikolu 412C (11) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel seduta meta giet appuntata l-kawza l-appellat irregistra ammissjoni ghall-akkuza fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u l-qorti ghaddiet sabiex issib lill-appellant hati tal-akkuza u il-piena li hija imponiet kienet dik ta' ħames mitt Ewro (€500),

L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza ghaliex fil-fehma tieghu din il-piena ma hiex kontemplata il-ligi u hija fem inqas minn dik stabilita mill-ligi.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>**[6] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-*

[6] Deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

*parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-ġurisprudenza[7] ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[8], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi fil-kaz odjern l-akkuza li biha gie akkzuat l-appellant kienet dik prospettata fl-**Artickolu 412 C tal-kap 9** u l-piena prospettata mill-ligi hij adik li itnsab fis-sub inciz 97) tal-artikolu 412C tal-kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:-

*"(7) Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xiprojbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien."*

Jidher ghalhekk li l-legislatur ried li jkun hemm multa adegwata ghal ksur ta' tali Ordni u cioe li l-Qorti timponi multa fl-ammont ta' elfejn u tliet mija u disgħa u

[7] **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** deciz mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003, **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** deciz mill Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003 u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[8] Deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Patrick Vella nhar is-26 ta' Jannar, 2001

għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37). Il-legislatur ma pprovda ghall-ebda mainimu izda ghazel li jpprovdi multa f'ammont wiehed. F'kaz li l-Qorti ma tridx timponi piena ta' multa kif prospettata ghandha id-diskrezzjoni taghha li tapplika piena ta' prigunrija u hawnhekk ghandha id-deskrizzjoni u dan ghaliex tali piena ta' priġunerija ghandha tkun mhux iżjed minn sitt xhur. Il-legislatur ukoll pprovda li l-Qorti tista timponi il-multa fl-ammont fuq imsemmi flimkien ma perijodu ta' priġunerija. Ghalhekk huwa evidenti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta applikat multa ta' hames mitt euro (€500) u konsegwentment l-Avukat Generali kellu ragun jintavola dan ir-rikors ta' appell.

Fit-tieni aggravju l-Avukat Generali jghid li din il-Qorti ma tisstax tikkonkludi li l-ewwel Qorti ridet tmur inqas mill-minimu stabilita stutorjament mill-ligi fl-applikazzoni tal-piena u dan ghaliex fis-sentenza ma hemmx dak rikjest mill-artikolu 21 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioe ir-"*ragunijiet specjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza*". L-Avuakt difensur ghamel tenttativ jispejga li l-ewwel Qorti imponiet dik il-multa ghaliex hadet in konsierazzjoni l-fatt li l-kwerelanti ma qatghetx il-linja meta l-appellant cemplilha, l-fatt li t-telefonata ma damitx, il-fatt li fid-disursata ma kien l-ebda theddid izda kliem fis-sens li kien qed isibha difficli jacceta li r-relazzjoni tieghu kienet intemmet u l-fatt li l-appellat ikkopera bi shih mal-prosekuzzjoni u irregistra ammissjoni ghar-reat li bih gie addebitat.

Dwar l-artikolu 21 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta din il-Qorti taghmel refernza ghal dakli intqal miz-zewg partijiet fit-trattazzjonijiet taghhom meta ghamlu referenza ghal dan id-dispost. Minn esami akkurat tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma jirrizultax li l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 21 u inqas u inqas ghal xi ragunijiet specjali u straordinarji li jistghu jwasslu lill-Qorti biex teroga piena izghar minn dik stabbilita ghar-reat jew reati involuti u li suppost, skond l-istess artikolu tal-ligi, ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, meta jkun ser jigi applikat l-istess artikolu. Illi kif tajjeb issotmetta l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellat kien akkuzat u ammetta l-htija tieghu ghar-reat li gie akkzuat bih. Minn qari tas-sentenza moghtija mill-ewwl Qorti jirrizutlaw il-motivazzjoni li waslu lil Qort biex

taghi l-piena taghha pero imkien ma tghid li dawn huma xi ragunijiet specjali u straordinarji kif rikejst mill-ligi.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Ryan Dimech**[9]" , hu pacifiku fil-gurisprudenza li biex Qorti taghti piena taht il-minimu, irid ikun hemm "ragunijiet specjali u straordinarji li **jridu jissemmew** bir-reqqa kollha fis-sentenza".

Illi l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda ragunijiet specjali w straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kienu jintitolawha li taghti piena izghar minn dik imsemmija fl-artikolu li jsemmi r-reat li tieghu l-akkuzat ikun instab hati w l-motivi citati minnha huma biss attenwanti li, al massimu, setghu jimmilitaw favur l-erogazzjoni ta' piena ta' multa imma mhux taht dak il-minimum minflok ma tapplika piena ta' prigunerija.

Illi ghalhekk jidher car li l-inqas piena karcerarja li setghet tati l-Ewwel Qorti, sija esegwibbli minnufieh sija sospiza hija sa sitt xhur prigunerija JEW kundanna ta' multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew it-tnejn flimkien

Konsegwentement il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fix-xorta jew il-kobor taghha ma hix dik kontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellant gie misjub hati w dan jintitola lill-Avukat Generali li jinterponi appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghab-bazi tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali .

Illi dinil-orti ghalhekk biex tikkundanna lill-appellat hija stss kif disp[ost fl-artikolu 428(3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u meta din il-Qorti giet biex tissostitwixxi l-piena zbaljata erogata mill-Ewwel Qorti, qieset il-fatt li dan ir-reat kommess principalment fil-konfront ta' membri familjari jimmerita certament piena karcerarja. Molto piu mta tqis li l-appellat huwa akkzuat bir-reat ta' attentat ta' qtil fuq il=l-persuna illum vitma f'dan il-kaz. L- Qorti zgur li kienet harget din l-Ordni ta' Proezzjoni bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' dawn l-istess persuni lezi, għall-iskop ta' protezzjoni taghhom kif ukoll ghall-protezzjoni taghhom minn fastidju jew imġieba oħra li

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nahr iut-8 ta' Ottubru , 2004

tikkaġuna biża' ta' vjolenza, min naha tal-akkuzat illum appellat. Dawn il-vitmi ghandhom jsibu protezzjoni mill-Qrati. **<u>Trid tigi repressa l-kultura li tidher li qed tidhol fil-pajjiz li l-Ordnijiet tal-Qorti jsitghu jigu injorati billi kulhadd jghamel dak li jrid u ma jqiesx l-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-Qrati jridu jidhru li qeghdin attivament jipprovdu din il-protezzjoni b' sentenzi serji w proporzjonati</u>**

Mill-banda l-ohra hawn si tratta ta' first time offender , li ammetta mill-ewwel il-htija tieghu u dan fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021 u li wera li kien qed issibha difficli li jaccetta it-terminazzjoni tal-relazzjoni tieghu ma Stefania tant li l-ewwel Qorti harget Ordni ta' trattament biex tghinu u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandu jinghata opportunita' ohra qabel ma jiffaccja r-realta ta' l-hajja karcerarja efettiva.

Ghalhekk tara li s-sentenza restrittiva tal-liberta' li din il-Qorti ser timpponi ghandha tkun sospiza ghal terminu twil bizzejjed biex jigi accertat li l-appellat ma jergax jirriperti xi incident simili.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuza migjuba kontrieh u fejn ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati MILOUD ELFORJANI sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja biex jaghraf jaccetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni tieghu ma' Stefania Sankoh u kwalsiasi trattament psikologiku iehor li jehtieg fic-cirkostanzi tieghu, u dan ghal perijodu ta' sena mil-lum, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-piena ta' multa komplessiva ta' hames mitt euro (€500) u minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena komplessiva ta' xaghrejn prigunerija b' dana li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' tlitt snin mil-lum l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

It-terminu ta' sena li fih ghandha tibqa' ssehh l-Ordni ta' Trattament imposta fuq l-appellat ai termini tal-art. 412D tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mill-lum.

Il-Qorti qed tfiehem bi kliem car lill-appellat ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kodici

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef